# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14

24 ta' Ġunju, 2020

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iddeċieda li ssir din il-laqgħa permezz tas-sistema online bil-Microsoft Teams® (skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali) fis-1.35 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 14

14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 13 - 9;
14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
14.5 Komunikazzjoni;
14.6 Risposta għall-ittra ta' direzzjoni lill-Awditur;
14.7 Rapport ta' kull kwart 1;
14.8 Festa Santa Margerita;
14.9 Ilmenti u Suġġerimenti;
14.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 6/2020;
14.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella qal li fid-dawl ta dawn iċ-ċirkostanzi li għaddejjin minnhom madwar id-dinja b'din il-pandemija tal-COVID-19 din il-laqgħa qed terġa issir permezz ta' sistema *online* ta' Microsoft Teams® skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, dan qed isir peress li l-kamra tal-laqgħat hija ftit żgħira u ma jkunx hemm distanza adegwata għal kull membru u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku kompla billi ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 14 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

14.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 13 - 9

14.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 13 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, dawn se jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

14.3.1 Is-Sindku qal li dwar il-proġett ta' Triq Sannat, il-Kuntrattur ta l-ewwel kisja tarmak nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ġunju 2020 biex b'hekk issa għad fadal ix-xogħol fuq Sannat junction u wara tingħata l-aħħar kisja biex din it-triq tkun lesta. Is-Sindku qal li matul il-laqghat preċedenti, dan il-proġett dejjem issemma' u ġie spejagat. Dwar dan il-proġett kien hemm varjazzjonijiet fuq ix-xogħolijiet dan peress li minn din it-triq kif dejjem intqal għaddejin is-servizzi kollha minnha. Fuq dawn il-varjazzjonijiet kellha ssir laqgħa mall-Ministeru għal Għawdex fejn attendew hu w il-Perit tal-proġett. Minn naħa tal-Ministeru fehmu x'inhuma dawn il-varjazzjonijiet u ser jgħaddu l-fondi għal dan. Sadanittant il-Kunsill ħa l-pariri legali fejn ġejna nfurmati mill-Avukat li l-Kunsilli jaqgħu taħt Ċedola Nru 3. Għalhekk ghal dan il-għan u għal din il-laqgħa ġie mistieden il-Perit tal-proġett biex jispjega fid-dettal dan.

Kif jaf il-Kunsill, il-Perit qal li dan hu proġett li ilu ġej is-snin, u li kieku ma kienx il-Kunsill li daħal għalih, naħseb li baqa' ma sarx. Il-Kunsill dejjem xtaq jagħmlu għax kien bżonjuż għalkemm fir-realta din it-triq taqa' taħt il-gvern ċentrali, imma kieku ma kienx il-Kunsill li ħadha taħt idejh kien jibqa dejjem 'the backburner' għaliex dejjem kien hemm prioritajiet oħrajn qablu. Il-Kunsill qatt ma seta' jagħmlu għax jirrekjedi spiża konsiderevoli u fl-aħħar intlaħaq ftehim mal-Ministeru ta' Għawdex, b'hekk il-Kunsill seta' jagħmel il-proġett bil-fondi tal-ministeru. Bħal ma qal is-Sindku bħala proġett, kien challenging ħafna, għas-sempliċi raġuni li hemm ħafna servizzi għaddejjin speċjalment tal-Water Services Corporation, minħabba il-kwistjoni tal-ġibjun Ta' Ċenċ. Hu qal li c-challenges li kellna qabel bdejna il progett, illi konna nafu li hemm dawn il-ħafna servizzi fl-istess ħin ridna ukoll nipprovdu soluzzjoni għal problema tal-għargħar tal-ilma. U dik is-soluzzjoni tal-problema tal-għargħar tal-ilma, aħna dħalna għaliha billi ipproġettajna culvert tas-600mm jiġifieri katusa ta' żewġ piedi, kull informazzjoni li kellna mill-Water Services meta aħna fassalna din is-soluzzjoni, l-informazzjoni dejjem kienet illi ma kelniex fejn ngħaddu katusi iktar għaliex bis-servizzi li kien hemm ippakkjati, ix xewqa tagħna kienet illi ngħaddu din il-katusa biss fuq in-naħa tal-Kunsill, in-naħa tal-iskola, imma li ngħaddu katusa oħra minn-naħa tar-residenzi biex ikollna iktar volum ta' pajpijiet illi qed jieħdu l-ilma

tax-xita, imma ir risposta li kellna mill-Water Services kienet li n-naħa tar-residenzi bil-mains tagħhom li kienu għaddejjin ma stajniex nakkomodaw katusa oħra u allura meta ħriġna il-call for tenders ikkejterjajna biss għall din il-katusa taż-żewġ piedi. Imma sadanittant xorta kellna complaints mir-residenti jiġifieri anke hu personali, illi katusa taż-żewg piedi ma kienx biżżejjed biex inlaħħqu mal-problema tal-għargħar ta dik it-triq kollha kemm hi. Il-Perit kompla billi qal, li speċi hu kien jaf illi jekk ikollna aktar katusi idejali, imma kien jaf illi kien hemm din il-problema li ma kienx hemm spazju għal aktar katusi, imma in-nies kull min kien jikkomplanja miegħu dejjem kien jirrispondijhom illi ħafna mil-problema kienet se tittafa bil-katusa taż-żewg piedi. Naturalment qatt mhu biżżejjed għax jekk wieħed jara il-videos tal-ilma tax-xita li jgħaddi minn dik it-triq, l-ilma tax-xita jaqbeż minn fuq il-bankini litteralment li l-ilma jgħatti lil bankina allura awtomatikament tikkalkula daqsxejn il-volum tat-triq billi tieħu l-għoli tal-ilma tax-xita li tara f'dawn il-videos il-katusa taż-żewg piedi mhix biżżejjed imma aħna l-informazzjoni li kellna dejjem kienet li ma stajniex nikkejterjaw għal iktar minn hekk. Meta imbgħad bdejna bil-laqgħat tal-proġett qabel ma beda fiżikament ix-xogħol, aħna għamilna diversi laqgħat mal-corporations kollha, l-ewwel talba li kellna kienet mingħand Enemalta, din it talba ġiet wara li ħrigna il-call for tenders imma meta għamilna il-laqgħat fiżiċi mall-Enemalta u mal-corporations kollha biex nippjanaw il-progett fl-eżekuzzjoni tiegħu, l- Enemalta bdew jitolbuna li nagħmlu service culvert jiġifieri li jkun hemm post minn fejn is-servizzi tagħhom ikunu jistgħu jgħaddu mill-gandott ħalli f'kas li jkun hemm xi ħsara fis-servizzi, li anke filfatt dan l-aħħar kien hemm xi xahrejn ilu, meta kien hemm cable li kien tar, ma kienx hemm bżonn li tintmess it-triq, dan ma konniex ħsibna għalih fil-call for tenders għas-sempliċi raġuni li aħna meta ikkuntattjajna lill-Corporations kollha, ħadd ma għamel din it-talba qabel ma ħriġna il-call for tenders u allura aħna ma kienx hemm raġuni li ninkluduh fis-sejħa għall-offerti. Din it-talba ġiet wara li ġie awarded il-kuntratt u meta bdew isiru l-laqgħat mal-corporations. Fiżikament kellna l-istess problema tal-kwistjoni tal-katusi, jiġifieri li aħna sa dak iż-żmien kellna qabel beda ix xogħol, kellna l-informazzjoni li ma kienx hemm spazju minn fejn jgħaddu katusi oħrajn allura għallkemm xtaqna li nakkomodaw din l-idea tas-service culvert għax ovvjament kienet proposta tajba li aħna xtaqna li tiġi addottata biex ma jkunx hemm għalfejn naqilgħu t-triq minħabba ħsarat. Safrattant xorta kien hemm il-problema fejn se nagħmluh dan is-service culvert u allura l-idea ħarġet li l-gandott isir eżatt fuq l-ispazju tal-katusa taż-żewġ piedi man-naħa tal-Kunsill. Dan is-service culvert kien wieħed mill-variations innifsu li kellna fil-proġett. U r-raġuni għaliex kien variation fl-oriġinali hija li mhux għax kienet xi ħaga li aħna insejnijha, imma xi ħaga li ġiet mitluba lilna mill-corporations wara li ġie awarded il-kuntratt u qabel ma beda dan ix-xogħol. Din il-ħaġa kella tiġi akkomodata għax kienet xi ħaga li tagħmel sens u akkomodajnija fl-istess spazju, imma li kellu jsir taqtih iktar fond biex isiru fuq xulxin fl-istess spazju tal-wisgħa tal-katusa taż-2 piedi, in-naħa tal-Kunsill. Hu dan jispjega parti mid-differenza li kellna fl-ispiza tal-proġett.

Il-Perit kompla qal li t-tieni differenza marbuta mas-service culvert kienet li aħna ridna naqsmu t-triq biex kull dar/propjeta jkollha link permezz ta' katusi għal ma dan is-service culvert għaliex ovvjament is-service culvert huwa fuq il-lat oppost tat-triq jiġifieri man-naħa tal-Kunsill, għax dak l-uniku post fejn setgħa jsir. Li kieku kellna nagħmlu il-culvert man-naħa tar-residenzi konna nidħlu fi spejjes ikbar għax kellna taħmil eżatt mal-faċċatti tar-residenzi u bħala perit ridt nevita b'kull mod, għax inkella konna se nidħlu fi problemi tekniċi u forsi kien ikollna xi claims ta' xi residenti għax qed inħammlu eżatt mal faċċati tar-residenzi u kien ikollna nagħmlu ukoll insurances għal kull propjeta għax bil-ligi li daħlet f' Ġunju tas-sena l-oħra jekk ngħamlu taħmil ta' dak it-tip fil-fond mar-residenzi inkunu rridu ngħamlu insurance għal kull residenza, allura kellna nagħmlu dawn il-crossings permezz ta' gandotti li tqattgħu u katusi. Minn kull propjeta, hemm serje ta ducts jiġifieri serje ta katusi li akkomodow kollox anke pereżempju d-dawl li għad irid isir, id-dawl tal-fanali tat-triq hemm il-crossings lesti għalihom ħalli d-dawl ikun għaddej mill-gandott in-naħa tal-Kunsill imbgħad jikkrossja minn ġo dawn il-katusi u jitla mill-kaxxi li ha jkun hemm fejn ha jsiru lampposts u l-fanali ta' fuqhom hekk ha jitniżżlu l-wires

minn mall-faċċati tad-djar u jsiru ġol-gandott, allura mbgħad x'ħin jitniżżlu l-wires jinqasam minn taħt il-wiċċ tat-triq, jiġu provduti d-djar bis-servizzi tal-Enemalta, Vodafone, Melita u oħrajn li jkun hemm bżonn jiġifieri dan ix-xogħol li sar taħt it-triq, hu kollu xogħol li ġie wara kif diġa ssemma. Mela dawk kienu żewġ affarijiet, is-service culvert u t-tieni ħaġa hija s-service ducts li huma dawk il-katusi li jaqsmu mis-service culvert għan-naħa tar-residenti.

It-Tielet ħaġa li kellna kienet li waqt li pprogressa x-xogħol u bdejna navvanzaw fix-xogħol jiġifieri meta konna għamilna t-tħammil għal-gandott u l-katusa tan-naħa tal-Kunsill, beda jsir xogħol ieħor pereżempju tal-main il-ġdid tad-drenaġġ u tal-ilma, x'ħin bdew isiru dawk ix-xogħolijiet, il-Water Services Corporation iddeċidew li main illi kellhom in-naħa tar-residenzi jiġi mibdul u allura dan kien ser isir redundant u b'hekk kien se jinħoloq spazju fejn setgħa jsir gandott tal-ilma ieħor li aħna dejjem xtaqna ngħamlu imma li dejjem skond l-informazzjoni li tawna il-Water Services Corporation, ma setgħax isir għax ma kienx hemm fejn. Waqt li kien avvanzat ix-xogħol bil-mod ta kif ġie spjegat, il-W.S.C. avviċinawna u ddeċċidew li dan il-main tal-ilma kien hemm wieħed, x'ħin ngħidu main tal-ilma mhux main tal-ilma li qed jissuplixxi lid-djar imma wieħed mill-mains tal-ilma illi għaddejin mit-triq biex jissuplixxu r-raħal u l-ġibjun. Wieħed minn dawn il-mains kien se jiġi mejjet allura nħoloq l-ispazju fejn nistgħu ngħamlu gandott tal-ilma tax-xita n-naħa l-oħra tat-triq ukoll, u dak ovvjament kien vantaġġjuż u l-ikbar raġuni għaliex nistgħu ngħidu li nistgħu nakkomodaw l-ilma tax-xita li jiġi mall-wiċċ tat-triq, il-kumplament li ma jidħolx in-naħa tal-Kunsill jidħol fil-katusi li għamilna n-naħa tad-djar u anki jkun hemm il-vantaġġ illi jistgħu jsiru il-gradi tal-ilma tax-xita in-naħa tar-residenzi, fejn l-ilma tax-xita jista' jmur direttament għal ġo dawn il-katusi flok joqgħod jaqsam għan-naħa l-oħra tat-triq bil-crossings. B'hekk ġietna l-opportunita illi ngħamlu żewġ katusi ta' 500 mm jiġifieri tal-pied u tmienja fuq xulxin illi dawn jieħdu volum kbir tal-ilma. Biex għaddew dawn, hemm ir-ritratti u hemm kollox dokumentat. Biex għaddew dawn il-katusi kellu jsir taħmil ta ċertu fond għaliex hemm id-drenaġġi tad-djar illi qegħdin jaqsmu mid-djar għal main tad-drenaġġ u allura ridna ngħaddu minn taħthom, allura kellhu jinżel ċertu fond li jekk taraw ir-ritratti, n-nies li kienu jaħdmu ġo dawn il-gandotti biex tpoġġew dawn il-katusi rashom kienet tkun l-isfel sew mill-wiċċ tat-triq tant kemm kellna ninzlu fil-fond, imma rnexxilna u allura b'dak il-mod irnexxilna li ngħamlu gandott tal-ilma tax-xita ta' żewġ piedi n-naħa tal-Kunsill u għamilna gandott tal-ilma tax-xita b'żewġ katusi fuq xulxin għax ma kienx hemm fejn joqgħodu fejn xulxin għax kif diġa ġie spjegat kien kollox krepat, żewġ katusi fuq xulxin kull waħda tal-pied u tmienja 500 mm jiġifieri nofs metru, illi dawn jibilgħu ħafna ilma ġo fihom u jekk Alla jrid il-problema tal-għarar li dejjem kien hemm fi Triq Sannat tkun solvuta għal dejjem meta jingħaqad mall-Qasam, meta jkun hemm il-bokka tiegħu ħierġa fi Triq Sannat iktar l-isfel imma x-xogħol infrasstrutturali li kellu jsir fi Triq Sannat b'dak il-mod ha jkun sar. Naturalment dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-MGOZ jiġifieri aħna minn naħa tagħna lestejna d-dokumentazzjoni kollha li kien hemm bżonn biex nispjegaw dawn l-affarijiet ħalli mbgħad il-MGOZ ikun jista jgħaddi dawn il-flus addizzjonali lill-Kunsill jiġifieri bħala summary dawk huma d-differenzi. Dawn li ssemmew ovvjamenet huma differenzi illi fihom innifishom kien fihom ħafna xogħol u allura ċertu spejjeż, pero hemm raġuni ġustifikata għalihom biex saru, la kien hemm raġuni illi kien hemm traskuraġni jiġifieri xi ħaġa illi ma ġietx maħsuba minn qabel bi traskuraġni u lanqas hemm il-kwistjoni illi pereżempju l-prezzijiet ta' dawn l-affarijiet wieħed jista jiddeterminhom mod ieħor. Bħala prezzijiet hemm il-prezzijiet tal-kuntratt stess illi huwa il-kuntratt tax-xogħol tat-triq li ġie awarded u fejn xi items mhux koperti mill-kuntratt qed jintużaw items tal-frame work agreement rates ta' 2018 ta' Transport Malta. Transport Malta għandha rates tal-periti li l-aħħar li ġew aġġornati fl-2018 illi bihom meta tiġi biex tawwordja pereżempju xi xogħol direct order ta toroq tuża lillhom jew jekk ikun hemm items illi bħal fil-każ tagħna xi items ma jkunux koperti mill-Kuntratt tuża lillhom u aħna qed nużaw lilhom, biex żgur ma jkunux items illi għandhom rates li mhumiex iġġustifikati, jiġifieri bħala xogħol huwa ġustifikat, kemm mill-lat għax qed isir, kif ukoll mill-lat ta kif qed jitħallas.

Is-Sindku qal li dan l-aħħar inqalgħet il-kwistjoni ta xi cables tal-kumpanija tal-GO p.l.c. jiġifieri minn naħa tagħhom il-cables mhux suppost kienu qedin 7 pulzieri minn wiċċ it-triq, imma suppost kienu 2 piedi u nofs l-isfel. Kieku ma kienx hemm is-service culvert parti mir-raħal ta' Sannat fiż-żmien il-COVID-19 kienu jispiċċaw bla servizz tal-GO. Prattikalment għaliex kif dejjem tkellimna aħna ridna nbaxxu il-livell tat-triq man-naħa tal-Kunsill u xħin ġejna biex inbaxxu l-livell tat-triq man-naħa tal-Kunsill sibna dawn il-cables li kienu prattikalment fil-wiċċ tat-triq, barra minn hekk tal-GO ma setgħux jinżlu kemm iridu l-isfel, għaliex kien hemm il-high tensions mhux wieħed, jew tnejn, kien hemm xi erbgħa high tensions tal-Enemalta u tal-pannelli tal-iskola. Dak kien xi ħaga li ma kienx previst imma bilfors kellhom jużaw is-service culvert biex il-problema tiġi solvuta mill-ewwel. Dan is-service culvert mill-ewwel beda jaħdem għax kien hemm in-neċessita u li ma konniex qed naraw il-problema dak il-ħin. Is-Sindku qal li l-Perit spjega l-affarijiet mill-att tekniku tiegħu sewwa ħafna u hu saqsa il-kunsilliera jekk kienx hemm mistoqsijiet.

Is-Sindku staqsa lill-Viċi Sindku jekk għandiex xi domandi lill-Peirt, hi wieġbet li ma kelliex mistoqsijiet.

Is-Sindku kompla billi qal li dawn huma affarijiet li aħna along the project dejjem spjega mill-aħjar li setgħa minn naħa tiegħu, u l-kunsill dejjem qabel b'mod unanimu għal ġid Ta' Sannat. Hu qal li l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Bajada ġieli semmew li l-għargħar tal-ilma f'din it-triq huwa kbir. Huwa semma' lil dawn għax kienu fil-leġislatura ta' qabel u dan il-proġett kien qed jissemma kontinwament.

Il-Kunsillier Tewma saqsa lill-perit jekk hux ser ikun qed jitnaqqas drastikament l-ilma bil-water culverts u bħala percentage xi kemm jikkalkula li jibqa bħala ilma, peress li l-katusi li hemm eżistenti mhux ħa jneħħu l-ilma kollu li tista tgħamel matul ix-xitwa. Il-Perit qal li jitnaqqas drastikament kieku konna se ngħamlu l-katusa n-naħa tal-kunsill biss, jiġifieri bil-katusi li għamilna addizzjonali jistenna li r-run off li ħa jkollna fil-wiċċ tat-triq jkun normali, jiġifieri bħal fejn mhemmx problemi ta għargħar u l-idea tagħna hi illi l-ilma jkun inqabad qabel jidħol fi Triq Sannat, jiġifieri li l-ewwel net hemm il-grajjed ta Triq Dun Xand diġa, mill-Pjazzetta tax-Xelina u mit-Triq Dun Xand ukoll konna ħsibna għal main holes fil-proġett ta din it-triq. Barra minn hekk imbgħad meta jsir il-proġett tal-Pjazza ħa ssir fergħa għal Triq Ta' Ċenċ ukoll jiġifieri fejn hemm id-dar tal-Arċipriet ħafna mill-ilma jkun jista jinqabad minn hemm qabel jidħol fil-Pjazza biex inkomplu b'dawn iż-żewg katusi li għamilna tan-naħa tar-residenzi u nkomplu tilgħin bihom l'hemm hekk u t-tielet fil-bidu ta' Triq Sannat fejn tgħaqqad mal-Pjazza ukoll ħa nkunu għamilna grajjed biex jekk jibqa ilma li jkun għadu ma daħalx fil-katusi jidħol minn hemmek ukoll anke tar-run off tal-Pjazza stess. Il-Perit qal din qed tipprevedi li tkun triq normali minn triq ta kriżi, u b'hekk tiġi triq normali. Is-Sindku qal li ma rridux ninsew ukoll li saru diversi water catchments man-naħa tar-residenti, li jekk ser jaqa' l-ilma minn fuq il-bjut tan-nies fl-istess triq, dan dejjem ser jibqa jinġabar.

Il-Kunsillier Bajada staqsa lill-Perit, f'nofs il-qasam fejn se jispiċċa l-culvert, taħseb li għandna biżżejjed biex jirċievi l-ilma kollhu dak il-gandott li hemm fil-qasam jew ħa nitfgħuh kollu ġol-għalqa? Hu qal li ma jaħsibx li dan jirċevih. Il-Perit wieġeb li l-gandott li hemm huwa mportanti ħafna bħala parti mill-proġett li qed jsir u l-proġett li qed jgħamel l-Gvern ukoll fil-kumplament tal-qasam, imma importanti li dak l-gandott jitnaddaf, anzi hi l-aktar ħaġa mportanti. Is-Sindku qal li dik mhix kompitu tal-kunsill hemmhekk bħala konfini lanqas jgħamel ma Ta' Sannat.

Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Gauci jekk għandux xi domamdi lill-Perit, hu qal li ma kellux mistoqsijiet għal Perit u rringrazzja lill-Perit.

Is-Sindku qal li b'mod unanimu qedgħin naqblu fuq dan ir-rapport li ħa jiġi ovvjament ppreżentat lill-Ministeru għal Għawdex biex ovvjament jgħaddulna l-varjazzjonijiet minn naħa tagħhom. Ovvjament li se jkun għad baqa huwa l-junction jiġifieri salib it-toroq.

Is-Sindku qal li mall-ħajt tal-iskola hemm diġa 2 palmiet li se jibgħu f'posthom u mhux ser jitneħħew, jiġifieri ma dawk iż-żewġ palmiet li qedin hemmhekk ħa jiżdiedu 3 oħra, b'kollox se jiġu 5, imbgħad fejn hemm il-magna tas-soft drinks fuq in-naħa tal-playing field fejn hemm ukoll 2 bankijiet, hemmhek ser titħawwel il-palma it-twila fil-ġenb. Dawn il-palm se jinqalgħu mill-junction in-naħa tax-Xewkija. Il-Perit qal li hu żgur li l-palm kollu li hemm ser jibqa fl-istess sit.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Perit rigward il-bankina ta' quddiem l-berġa, l-għassa tal-pulizija u l-public convenience biex il-bankina ta' quddiemhom tkun aċċessibli. Il-Perit qal li għandu jispjega lill-Kuntrattur dwar dan. Is-Sindku qal li saret talba lill-Go p.l.c. biex t-telephone box li bilkemm għadha tintuża tinqala minn dik id-daħla minn fejn hemm hekk ser tibda r-rampa għall-aċċess ta din il-bankina. Il-Perit qal li din hi essenzjali li tinqala. Il-Perit qal li l-ħajt li jifred l-ispazju ta' quddiem il-public convenience ta fejn kienet t-telephone box irid jitneħħa, għax issa ħa jiġi hemm għalxejn u t-tieni importanti li jmur għax minn hemm jrid jiġi dan l-aċċess ta rampa.

Is-Sindku staqsa lill-Perit fuq iż-żebra crossing ta' din it-triq fejn qal li avviċinawħ xi nies li huma dilettanti tat-tiġrija taż-żwiemel. Dwar dan għandu jara l-Perit x'jista jsir.

Il-Kunsillier Gauci staqsa meta ser tingħata l-aħħar kisja tarmak fi Triq Sannat u hemmx l-intenzjoni li jsiru double yellow lines mad-djar tar-residenzi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill diġa talab għal temporary double yellow lines tul din it-triq fuq in-naħa tar-residenti. Dan sar biex n-nies tkun tista tidra l-karreġġjata tagħha u diġa ntalbu wkoll biex isiru l-bus stop u white lines li jaqsmu t-triq. Qed nikkomunikaw mat-Transport Malta biex dawn isiru b'effett immedjat.

Dwar dan kollu fuq il-proġett ta' Triq Sannat kien hemm qbil mill-Kunsill.

14.3.2 Is-Sindku qal li dwar il-qlugħ u twaħħil tas-siġar tal-palm fil-junction, il-Kunsill talab kwotazzjonijiet u ġabar tnejn. Il-Kunsill ser jitlob l-approvazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex biex juża l-irħas kwotazzjoni għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel ma dan.

14.3.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mitlub biex isiru ħdax il-tappiera tal-ħadid għall-arbli tal-festa fi Triq Sannat. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru minn ħaddied biex ikunu tal-qies u ssiġilati mall-art.

14.3.4 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni kemm il-darba lill-kuntrattur li qed jaħdem fuq Triq Sannat biex jiġi rranġat il-ħajt u l-ħadid li ċeda u waqa quddiem il-Kalkara tal-Ġir ma ġenb il-Kunsill waqt ix-xogħolijiet fi Triq Sannat. Hu qal li meta tkellimna mall-Perit, il-Perit qal li estetikament il-ħadid u l-ħajt kien qed itellef l-aspett tal-istruttura ta' din il-binja storika u għalhekk issuġġerixxa li jingħalqu bil-ħadid it-tieqa tar-reception u ssir gate fuq in-naħa ta' wara tal-bitħa tal-Kunsill pariġ dak li hemm fit-tieqa ta' quddiem tal-faċċata tal-binja. Fuq quddiem, l-art fejn tkissret titbaxxa inkluż dak ta ma ġenb il-Kalkara fejn hemm il-mappa tal-lokalita biex tiġi livel tal-bankina u jsir bil-materjal porfido biex jaqbel ma dak li diġa hemm. Il-Kunsill qabel ma dan il-ħsieb. Is-Segetarju Eżekuttiv qal li biex ikun jista jsir dan irid japplika mall-Awtorita tal-Ippjanar. Il-Kunsill qabel ma dan u għandu jqabbad il-Perit biex napplikaw.

14.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntalbet l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex biex il-passaġġ minn Triq il-Kbira għal Triq Xamgħan jingħata l-patching neċessarju ta' ħofor perikolużi f'dan il-passaġġ li jintuża minn bosta bdiewa. Din it-talba ntlaqet u għandu jsir dan ix-xogħol.

14.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntalbet l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex biex il-bidu ta' Triq Mġarr ix-Xini titkompla bil-konkos il-parti fejn għadu ma sarx dan biex nevitaw l-ilmenti kontinwi ta dawk kollha li jgħaddu minn din it-Triq għal bajja ta' Mġarr ix-Xini.

14.3.7 Is-Sindku qal lill-Kunsill li nħasset il-ħtieġa li fil-Ġnien tal-Bidwi ikun hemm ġardinar ikkwalifikat biex dan il-ġnien jinżam fl-aħjar kundizzjoni. Hu qal li l-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex biex jekk hu possibli jkun jista jsir dan. Il-Kunsill qabel li ssir din it-talba. Is-Sindku qal li wara li ġiet nstallata s-sistema ta' drip irrigation ġdida bil-għajnuna tal-iskema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li l-Kunsill kien applika, f'dan il-ġnien bdejna nużaw il-ġibja li hemm għat-tisqija, l-ħaddiema assenjati mall-Kunsill ġibdu l-attenzjoni li l-pompa li hemm ma kinitx qed taħdem, intalbet l-għajnuna ta' persuna li tirranġa dan. Din il-pompa rriżultat li ma taħdimx u kienet b'ħafna ħsara u li għalhekk kellha tinbidel. Madanakollu din il-ġibja nsabet vojta meta din kienet tħalliet mimlija. Din kellha titbattal u bl-ilma ta' ġo fiha saret it-tisqija pero il-ġibja nstabet maqsuma u b'hekk irriżulta li l-ilma kien qed jintilef. Għalhekk il-Kunsill ġabar kwotazzjoni biex issir il-manutensjoni meħtieġa u bżonjuża nkluż l-indafa ta' din il-ġibja.

### 14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

14.4.1 Il-Kunsillier Clayton Tewma staqsa lill-Kunsill jekk fi Triq Saguna kantuniera ma Triq Ta' Bebunaq il-Water Services Corporation għadx irid jgħaddi xi servizzi f'din il-parti u għaliex għada ma ngħatatx bit-tarmak. Is-Sindku wieġeb li l-W.S.C. għad għandhom xi servizzi x'jgħaddu u dan ix-xogħol għandu jsir mill-Ministeru għal Għawdex.

14.4.2 Il-Kunsillier Joseph Bajada staqsa għaliex it-trufijiet ta' Triq Sannat tħallew f'dak li stat bl-ixfar u trabijiet. Is-Sindku qal li l-Kunsill talab lill-Kuntrattur biex jirranġa dawk il-partijiet u l-Kunsill għadu qed jistenna.

## 14.5 Komunikazzjoni

14.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ġie rimbursat l-ammont ta' €1669.95c mill-Ministeru għal Għawdex permezz ta' Easter in Gozo għall-ispejjes relattati mall-attivita' bl-isem "Il-Kundanna" li din kienet ser tittella' f' April fi żmien l-Għid u kellha tiġi kkanċellata minħabba ċ-ċirkustanzi li ma kienx hemm kontrol fuqhom dak tal-Covid-19.

14.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bid-Direttiva mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li din ġiet iċċirkulata lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Din kienet:

11ta' Gunju 2020 - Direttiva 3/2020 Revoka tad-Direttiva 2/2020

14.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

05 ta' Ġunju 2020 Cir AKL 2020/039 – Binjiet mixgħula ħomor – Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm – 14 ta' Ġunju. Il-Kunsill Lokali pparteċipa f'din l-inizjattiva u l-Assocjazzjoni ġiet infurmata li ser tinxtgħel il-Kalkara tal-Ġir b'kulur aħmar.
2 ta' Ġunju 2020 Cir AKL 2020/050 – Important notice regarding submission of Health Claims
22 ta' Mejju 2020 Cir AKL 2020/057 – Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjeta – Webinar – Il-pandemija tal-COVID-19 u kif l-imxija tagħha impattat il-benesseru tan-nies f'Malta
27 ta' Mejju 2020 Cir AKL 2020/058 – Applikazzjoni għall-EPOS machines
28 ta' Mejju 2020 Cir AKL 2020/059 – Active Ageing and Community Care application
01 ta' Ġunju 2020 Cir AKL 2020/060 – Dokument proġett Slow Streets u laqgħat mal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali rispettivi
01 ta' Ġunju 2020 Cir AKL 2020/061 – EUCF 1st National Webinar – Webinar Link u Preżentazzjoni
01 ta' Ġunju 2020 Cir AKL 2020/062 – Register now to the STAR Project webinar on street art against urban and social marginalization!
02 ta' Ġunju 2020 Cir AKL 2020/063 – Ġbir ta' skart riċiklabbli
04 ta' Ġunju 2020 Cir AKL 2020/064 – Local councils migration to electronic payments
04 ta' Ġunju 2020 Cir AKL 2020/065 – Proġett Wifi4EU
05 ta' Ġunju 2020 Cir AKL 2020/066 – Spazju fil-Kunsilli Lokali offrut għall-istudenti tal-liġi
08 ta' Ġunju 2020 Cir AKL 2020/067 – Ħu sehem fi stħarriġ qasir dwar l-impatt tal-COVID – 19 fuq ir-reġjuni u l-bliet
08 ta' Ġunju 2020 Cir AKL 2020/068 – 9 June @10 am! Webinar on the European Semester's 2020 Country – Specific Recommendations for Malta
08 ta' Ġunju 2020 Cir AKL 2020/069 – #EUSEW2020: Registration is now open!
10 ta' Ġunju 2020 – Is-sitwazzjoni tad-depożiti tal-muniti
15 ta' Ġunju 2020 – Cir AKL 2020/070 – EuroPCom2020 – June 29 09:00-12:30 – Register now!

14.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv talab kwotazzjoni għax-xogħol ta' brix, stokk u żebgħa minn naħa ta' barra tal-bieb tal-garaxx u l-bieb ta' barra tal-uffiċċju tal-Kunsill peress li dawn neżgħu l-lostru għal kollox bl-elementi naturali. Il-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni.

14.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li t-terminazzjoni tad-Deputat Segretarju se jiskadi f'Awwissu 2020. Il-Kunsill qabel li jġedded jekk id-Deputat taċċetta.

14.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-laptop li qed jintuża preżentament fil-front office desk huwa ta' livell antik għall-użu tas-sistemi li jintużaw fil-front office illum dan għaliex il-laptop ma jistax jipproċessa b'saħħa adekwata ċerti dokumenti li nużaw ta' kuljum kif ukoll meta jsiru il-pagamenti tal-kontravenzjonijiet, eċċ. Il-Kunsill qabel li jinġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa biex jinxtara laptop ġdid.

14.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li ġie nfurmat mill-Malta Library li minn nhar is-Sibt li ġej il-librerija pubblika tista terġa tiftaħ. Il-librara qed tiġi nfurmata biex timxi ma' dawn il-linji gwida. Id-Dipartiment għal Gvern Lokali se jgħati safety pack biex jintuża fil-librerija.

14.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rċieva imejl mingħand ir-Reġjun Għawdex fejn dan staqsa jekk il-Kunsill iridx jingħaqad ma' Kunsilli Lokali oħra għaliex l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali, sejħet laqgħa b' urġenza tal-Eżekuttiv sabiex tiddiskuti l-materja ta' ġbir ta' skart riċiklabbli. Dan wara li;

(i) Uħud mill-Kunsilli ilhom jaffaċċjaw problemi dwar il-ġbir ta' dan l-iskart, liema problemi jibqgħu jinġarru minn sena għal oħra, u

(ii) Riċentament, iż-żewġ skemi irtiraw milli jagħmlu ġabriet f' numru ta' lokalitajiet
(iii) Id-deċizjoni ta' waħda mill-iskemi li ddikkjarat li b'effett mill-1 t' Awwissu, ser twaqqaf is-servizz tagħha lill-Kunsilli Lokali assenjati magħha
(iv) Ma nistgħux aktar nippermettu li kundizzjonijiet li fuqhom jiġu aġġudikata kuntratt, jiġu mibdula jew ma jsirux fuq deċizjoni unilaterali ta' xi waħda mill-iskemi u l-Kunsill jibqa' jitħalla waħdu
(v) Mhux aċċettabli l-anqas li l-Kunsilli Lokali jispiċċaw għodda f' idejn l-iskemi biex permezz tagħhom isir negozju mall-Awtorita' regolatorja dwar kemm u kif għandu jinġabar l-iskart dovut mill-istess skemi.

Il-Kunsill ma qabilx li għandu jingħaqad ma Kunsilli Lokali oħra peress li s-servizz tal-ġbir tal-iskart reċiklabbli huwa servizz tajjeb.

## 14.6 Risposta għall-ittra ta' direzzjoni lill-Awditur

14.6.1 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv bgħat permezz tal-imejl draft tar-risposta għall-ittra ta' direzzjoni lill-Awditur u talab lill-Kunsill biex jara jekk hemmx xi emendi fuq din. Il-Kunsill qabel mall-kontenut ta' din l-ittra w approva li tiġi ffirmata minnu u mis-Segretarju Eżekuttiv biex tintbgħat lill-Awditur, lid-Direttur (DLG Monitering and Support) u lill-Awditur Ġenerali fil-ħin.

## 14.7 Rapport ta' kull kwart 1

14.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv bgħat permezz tal-imejl ir-Rapport ta' kull kwart Nru 1 minn Jannar sa Marzu 2020. Dan qed jiġi ppreżentat issa peress li l-accounts ġew entrati wara li sar l-awditjar u ngħalqet is-sena 2019. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport.

## 14.8 Festa Santa Margerita

14.8.1 Is-Sindku qal li din is-sena il-festi tal-parroċċi fl-irħula ser isiru b'mod ħafna differenti mis-soltu għalhekk il-Kunsill għandu jara x'jista jsir. Hu qal li jaqbel li jsiru xi tip ta' attivitajiet f'postijet differenti bħal bands, etc. Hu qal li se jara ma xi għaqdiet x'jista jsir. Għalhekk se tintalab li ssir laqgħa mall-Pulizija. Il-Kunsill qabel ma dan. Dwar il-permessi tal-kiosks tal-festa il-Kunsill qabel li min jixtieq jista jarma.

## 14.9 Ilmenti u Suġġerimenti

14.9.1 Il-Viċi Sindku għamlet referenza għall-ilment 13.8.14 mill-minuti precedenti fejn mill-Kunsill sar qbil li ssir talba lill-Transport Malta.

14.9.2 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward *potholes* fi Triq il-Kbira. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu ppeċjati.

14.9.3 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward sittax il-*tyre* mormija fi Triq Tal-Lewz. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn ġew miġbura mill-kuntrattur tal-bulky refuse.

14.9.4 B' referenza għall-ilment numru 05/2020, resident li joqgħod fi Triq il-Kalkara tal-Ġir talab li titmexxa il-mera li hemm f'din it-Triq, dan peress li qeda ta' ostaklu għalih biex jidħol fil-parkeġġ tiegħu. Il-Kunsill qabel li din tiġi sspotjata basta li tkun għall-istess użu.

14.9.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward ħajt imwaqqa' fi Triq tal-Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-ħajt jinsab fi Triq Mġarr ix-Xini, ħajt tal-kantun u li dan il-ħajt twaqqa b'att vandalu. Hu qal li l-Kunsill diġa talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex permezz tal-Work Request System biex ikun ta' salvagwardja għas-sewwieqa peress li hu perikoluż u li dan ġie approvat.

14.9.6 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand il-Kunsillier Tewma fejn talab li terġa titwaħħal mera fi Triq il-Kbira faċċata ta' Triq Saguna fejn il-kantuniera tal-iskola l-qadima, dan peress li min ikun ħiereġ mill-isqaq ma jkunx jaf min ikun ġej mit-triq prinċipali. Din il-mera kienet mwaħħla mall-ħajt fejn illum qed isir żvilupp. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellem lill-Kuntrattur fejn meta staqsa x'kien sar minnha din il-mera l-Kuntrattur wieġeb li ma jafx, għalhekk il-Kunsill waħħal waħda ġdida fuq pole biex b'hekk nevitaw kull periklu. Il-Kunsill qabel fuq dan.

14.9.7 B' referenza għall-ilment numru 06/2020, persuna talbet li jinbena mill-ġdid ħajt tas-sejjieħ li jinsab fil-periklu li jaqa' fi Triq tal-Gruwa. Il-Kunsill qabel li jitlob l-għajnuna tal-MGOZ permezz tal-Works Request System.

14.9.8 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward boroż taż-żibel li xi ħadd irresponsabbli ħariġhom wara li ġie tal-iscammel fi Triq Ras in-Newwiela. L-uffiċċju tal-Kunsill ħa azzjoni mill-ewwel u dawn il-boroż inġabru.

14.9.9 B'referenza għall-ilment numru 07/2020, resident talab li jinbena ħajt tas-sejjiegħ imwaqqa fi Triq ix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li jitlob l-għajnuna tal-MGOZ permezz tal-Works Request System.

14.9.10 B'referenza għall-ilment numru 08/2020, resident li joqgħod fi Triq Skerla talab li terġa tinbena l-bankina ta' quddiem ir-residenza tiegħu, dan għaliex din tinstab fi stat ħażin ħafna u ta' periklu għall-pubbliku. Dan ir-resident talab ukoll li titwaħħal mera faċċata tat-triq tiegħu peress li mhux qed ikun jista' jara l-karozzi ġejjin meta jkun ħiereġ bil-karozza. Il-Kunsill qabel li dwar il-bankina se jitlob l-għajnuna tal-MGOZ permezz tal-Works Request System. Dwar il-mera il-Kunsill ser iwaħħal waħda.

14.9.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni biex isiru tabeli ġodda b'artwork ġdid biex ma jitħalliex żibel barra minflok dawk tarmix żibel hawn. Dawn it-tabelli ġodda fihom ser ikun hemm l-iskeda tal-ġbir tal-iskart. Il-Kunsill qabel ma dan.

14.8.12 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li meta talab lil Go p.l.c biex it-telefown box li hemm fi Triq Sannat titneħħa minħabba il-bankina li trid issir quddiem l-latrina pubblika, l-berġa u l-għassa tal-pulizija ġie diskuss ukoll biex fi Pjazzetta Ta' Ċenċ fejn il-Ġirna Restaurant biex minflok it-telefown box li hemm tal-aluminium tinbidel ma waħda antika mill-ħomor. Il-Kunsill qabel ma dan u ser jgħamel talba għal din lill-Go p.l.c.

14.8.13 B' referenza għall-ilment numru 09/2020, resident talab li ssir bankina għall-ewwel darba fi Triq Xamgħan. Il-Kunsill qabel li jitlob l-għajnuna tal-MGOZ permezz tal-Works Request System.

14.8.14 Il-Kunsill bagħat lil Transport Malta rigward double yellow lines fi Triq tal-Gruwa kantuniera ma Triq Mġarr ix-Xini. Dawn id-double yellow lines ġew approvati minn Transport Malta. T.M.

talab li titwaħħal mera ġdida. Il-Kunsill qabel li peress li din it-talba għall-mera taqa' taħt il-konfini tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija għandha ssir talba lillhom.

14.8.15 Resident minn Triq Saguna qed jitlob biex issir bankina ma binja ta' blokk ta' appartamenti, jitneħħa ħajt fin-nofs ta triq li kien ta' divizjoni tal-għalqa ma ġenb fejn saret il-binja, jitneħħa arblu tad-dawl li jinsab biswit il-ħajt u tiġi rranġata t-triq u tinxtel bozza ġdida li tinsab mwaħħla ma din il-binja. Il-Kunsill qal li dwar il-bozza talab biex din tinxtel.

14.8.16 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-Ministeru għal-Għawdex permez tas-sistema tal-MGOZ fejn talab li jitnaddaf kanal tal-ilma tax-xita li jinsab taħt l-art fin-nofs ta' Triq Mġarr ix-Xini faċċata ta' triq li tagħti għal Triq tal-Gruwa.

14.8.17 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna li għandha għalqa fi Triq ġdida fi Triq Saguna fejn talab li jinbena ħajt tas-sejjieħ li waqa' għal ġol-għalqa tiegħu. Din it-talba ser issir bis-sistema tal-Works Request System MGOZ.

14.8.18 Residenti talbu li jsiru double yellow lines fi Triq Ta' Ċenċ f'liwja għal Triq Skerla. Il-Kunsill qabel li din it-talba issir lill-Transport Malta.

14.8.19 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni ta' patching ħażin li sar mill-W.S.C./ Drainage Department wara tiswija li saret fi Triq it-Tin. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-W.S.C. bl-Avukat fejn il-Kunsill iżommhom responsabbli għal ħsarat fit-triq.

14.8.20 Is-Sindku qal li fi Triq il-Kbira faċċata ta Triq l-10 ta' Ottubru 1942 nkisret mera u l-Kunsill kellu jixtri oħra u din inbidlet peress li din hi ta' bżonn u b'hekk tassisti li minn ikun ħiereġ minn din it-triq għal Triq il-Kbira. Il-Kunsill qabel ma dan.

14.8.21 B' referenza għall-ilment numru 10/2020, persuna talbet li jinbena ħajt tas-sejjiegħ imwaqqa fi Triq tal-Gruwa. Din l-għalqa hi tal-Gvern. Dan qal li l-ħajt qiegħed baxx livell tat-triq u jista' jkun ta' periklu għal min jgħaddi min din it-triq. Il-Kunsill għandu jibgħat din it-talba lill-MGOZ bis-sistema tal-Work Request System.

14.8.22 Il-Kunsillier Gauci innota mera miksura fil-kantuniera fejn is-siġra tat-tin fi Triq tal-Gruwa. Din il-mera li ukoll hi ta' għajuna kbira ġiet ordnata u se tiġi mibdula fil-ġranet li ġejjin. Il-Kunsill qabel ma dan.

14.8.23 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li fi Triq tal-Gruwa fit-telgħa tagħha waqa xi siment fi triq minn xi kuntrattur dan għaqad u qed ikun ta' periklu għas-sewwieqa. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob l-għajnuna tal-MGOZ bis-sistema tal-Work Request System biex dan jekk jista jitneħħa.

14.8.24 Is-Sindku qal li xi bdiewa talbuh biex jixgħel passaġġ fejn il-ġibjun il-ġdid peress li filgħaxija dan il-passaġġ ikun mudlam. Il-Kunsill qabel li għandha teħel floodlight għal dan il-passaġġ.

## 14.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 6/2020

14.10.1 Fl-16.07 p.m. il-Kunsillier Bajada talab biex jirtira mill-laqgħa. Il-Kunsill laqa' din l-apoloġija.

14.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 6/2020 li kienet intbgħatet permezz ta imejl biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Gauci u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w

aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 14.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

14.11.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.15 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 15 ta’ Lulju 2020, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 15 ta’ Lulju, 2020

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(Iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |